MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 709/2007

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Rueben Barbara**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' seba' mija u wiehed u hamsin Euro u disgha u sittin centezmi (€751.69), tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm322.70), rapprezentanti somma ta' bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 1012108 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Ottubru, 2006 u Marzu, 2007.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju, 2007, dawk ta' mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' seba' mija u wiehed u hamsin Euro u disgha u sittin centezmi (€751.69), tlett mija u tnejn u ghoxrin lira maltin u sebghin centezmu (Lm322.70) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------